MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 16/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Schembri Infrastructures Ltd (C17388)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta’ Jannar 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ tmien mija u tnejn u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€872.54) rapprezentanti danni kkawzati minnha f’taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar il-5 ta’ Awissu 2005 fi Triq l-Imdina, Zebbug.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar il-31 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha eccepiet illi fil-konfront taghha d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u

fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-allegati danni sofferti mill-Korporazzjoni, s-socjeta` konvenuta u diretturi u/jew impjegati taghha ma kellhom ebda htija.

Sema` x-xhieda ta' **David Zerafa** prodott mill-Korporazzjoni attrici li waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2008 xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *principal distribution technical officer* mal-Korporazzjoni attrici u dak-in-nhar tal-incident kien *on call*. Dan kien fil-5 ta' Awissu tal-2005 u f'hin minnhom rcieva telefonata minghand l-operator li nfurmah li kien hemm numru ta' complaints ili f'Imdina Road, Haz-Zebbug ma kienx hemm dawl. Huwa kien mar jittawwal f'Imdina Road ghal habta tal-5.30p.m. u f'punt minnhom quddiem Triq ic-Cinju Calleja, sab cables milqutin u dan jigi ftit boghod mis-substation ta' l-Enemalta. Dak iz-zmien it-triq kienet qed tinqala` biex tigi *reconstructed* u hu kien mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug. Fl-area fejn intlaqat il-cable seta` jinnota makkinarju bhalma huma JCB li huma tal-*General Road Construction Services Limited*. In kontro-ezami l-istess xhud jghid li mhux kompitu tieghu jistabilixxi min kien qed jahdem fuq il-lok.

Sema` x-xhieda ta' **PC509 Jurgen Pace** li waqt is-seduta tad-29 ta' April 2008 esebixxa kopja tar-rapport dwar l-incident in kwistjoni mmarkat Dok JP1 u kkonfermah bil-gurament.

Sema` x-xhieda ta' **Eric Montfort** in rapprezentanza tal-Korporazzjoni attrici li waqt is-seduta tad-29 ta' April 2008 ikkonferma l-ammont dovut kif imnizzel fl-Avviz u pprezenta prospett mmarkat Dok EM1.

Sema` x-xhieda ta' **Edward Schembri** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta li waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 xehed illi fuq dak il-progett kienu marru jimmarkaw l-Enemalta izda mbaghad waqfu peress illi huma kienu qaxxru kullimkien u kienu tawhom pjanti li kienu jimmarkaw li f'Imdina Road kien hemm cable wiehed it-tul kollu tat-triq. Huwa jghid li meta kienu qeghdin ihaffru kienu jimxu skond il-pjanta u jzommu d-distanza rikjesta u

kienu jhaffru bil-mod fuq il-cable sakemm isibuh u mbaghad ihaffru bil-mod mad-dawra tieghu. Meta huma kienu jsibu l-cable, kienu mbaghad jersqu 'l boghod madwar metru, metru u nofs u jaqbdu l-*excavation* tax-xoghol. Huwa jghid li meta sabu l-cable kif indikat fil-pjanta, huma kienu mxew metru 'l boghod minnu u appena bdew iqattghu sabu hafna cables ghaddejjin fuq xulxin. Ix-xhud jghid li kien hu li rraporta lil EneMalta u nfurmahom li kien hemm aktar cables, u meta kienu marru tal-Enemalta fuq il-post kienu nfurmawh li kien hemm *substation* antika. Huwa jghid li dawk il-cables ma kinux immarkati fuq il-pjanta. In kontro-ezami (6.11.2008), Edward Schembri ighid illi illi wara illi tqaxxar il-wicc tat-triq, l-EneMalta ma baqghetx taghmel aktar marki u bdiet taghti pjanti lil-kuntratturi sabiex jimxu maghhom. Jghid illi dawk il-pjanti kienu jghadduhom f'laqghat illi kienu jinzammu l-ADT.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u wara illi sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, it-Tribunal ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-unika eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta kienet dik illi "*fil-konfront taghha d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom stante illi ghall-allegati danni sofferti mill-Korporazzjoni, is-socjeta` konvenuta u diretturi u/jew impjegati taghha ma kellhom l-ebda htija*".

Illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' David Zerafa in rappresentanza tal-Korporazzjoni attrici u li kien minn ta' l-ewwel li wasal fuq il-post ta' l-incident, huwa sab makkinarju JCB tal-General Road Construction Services Limited.

Illi ir-risposta tas-socjeta` konvenuta ghall-ittra ufficjali tal-Korporazzjoni 3887/2006 kienet tghid espressament illi *"……… ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni EneMalta, s-socjeta` Schembri Infrastructures Limited mhix responsabili*".

Illi mir-rapport tal-Pulizija (DOK JP1) jirrizulta illi l-persuna li ammetta illi kien laqghat il-cable kien "*qed juza carterpillar 953 li kien jahdem mal-General Road Services*".

Illi mill-provi kollha prodotti ghalhekk, jirrizulta illi l-makkinarju li kien qed jintuza fuq il-lant tax-xoghol fejn u meta intlaqat il-cable kien tas-socjeta` General Road Services Limited. Illi pero` din mhix is-socjeta` konvenuta mharrka mill-Korporazzjoni attrici.

Illi minn mkien f'dawn il-proceduri ma jirrizulta nexus bejn is-socjeta` konvenuta mharrka Schembri Infrastructures Limited u s-socjeta` General Road Services Limited. Giet mharrka is-socjeta` Schembri Infrastructures Limited u r-relazzjoni, jekk tezisiti, ta' l-istess socjeta` konvenuta mas-socjeta` General Road Services Limited ma tirrizulta minn mkien. Huwa f'dan id-dawl illi t-Tribunal ihoss illi s-socjeta` konvenuta giet mharrka hazin u ghalhekk ma jistghax jasal biex jikkundannha thallas t-talba attrici.

Ghaldaqastant, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha, il-provi kollha mressqa u d-dokumenti kollha esebiti, jiddeciedi billi jilqa` l-unika eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta u jichad it-talba attrici in kwantu illi ma giex sodisfacentament ippruvat illi s-socjeta` konvenuta hija resposabbli ghall-hsara maghmula.

Bl-ispejjes kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------